TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/525/11/S

Josephine Vassallo
Vs
Be Independent Limited

Illum 8 ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Josephine Vassalloipprezentata fis-16 ta'Dicembru,20112 u r-risposta tas-socjeta Be Independent Limited datata 15 ta'Gunju,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-attrici u r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fil-5 t'Ottubru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda zewg roti ta' "wheelchair" li wara xaghrejn minn mindu inxtraw, tqaxxret parti minn rota wahda;

Illi jinghad mal-ewwel li r-ritratti pprezentati juru li fejn tqaxxar ghandu forma rettangolari u limitat ghal parti wahda tar-rota;

Illi skont dak mistqarr mill-attrici, dan gara biss f'rota wahda[1];

Illi t-Tribunal ihoss li l-forma ta' fejn tqaxxar, tikkonferma li dan ma kienx xi difett tal-manifattura ghax kieku kienet titqaxxar ir-rota kollha u mhux f'parti wahda biss;

Illi jinghad ukoll li l-kumplament tar-rota jidher fi stat tajjeb hafna u qisu ftit uzat;

Illi t-Tribunal hu tal-fehma li l-attrici ma rnexxiliex tipprova li l-ilment taghha kien rizultat ta' difett fil-manifattura tar-rota in kwistjoni;

[1] Xhieda moghtija fis-seduta tal-5 t'Ottubru,2012.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta Be Independent Limited u Jichad it-talba ta' Josephine Vassallo, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888